

Jum l-Ewropa 2026 – Sejħa għal azzjoni lill-Kunsilliera Lokali tal-UE!

“Semma’ leħnek dwar l-Ewropa”

Għaliex għandek tapplika?

Jum l-Ewropa jiġi ċelebrat kull sena fid-9 ta’ Mejju, u jonora l-paċi u l-għaqda fl-Ewropa. Dan ifakkar l-anniversarju tad-*Dikjarazzjoni ta’ Schuman*, li qiegħdet il-pedament għall-Unjoni Ewropea tal-lum.

Bħala Kunsilliera Lokali tal-UE, nistednukom tiegħu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet ta’ din is-sena billi torganizzaw inizjattiva lokali u tinvolvu liċ-ċittadini, liż-żgħażaġh, lill-pari u lill-partijiet ikkonċernati. Permezz ta’ inizjattivi lokali, ninsabu fiduċjużi li l-Kunsilliera Lokali tal-UE jistgħu jiffaċilitaw id-djalogi, jistimulaw dibattiti dwar l-UE, u jqarrbu lil din tal-aħħar lejn ir-realtajiet lokali.

Ingħaqad mal-inizjattiva u skopri hawn taħt kif torganizza l-avveniment lokali tiegħek!

X’inhu avveniment lokali?

Inizjattiva bi preżenza fiżika jew online, organizzata minn Kunsillier/a Lokali tal-UE fil-forma ta’ **djalogu lokali**, **sessjoni tal-UE**, **sessjoni ta’ ħidma** jew **sessjoni ta’ informazzjoni** jew kwalunkwe **format innovattiv ieħor** (ara d-dettalji hawn taħt).

L-avvenimenti jistgħu jiffukaw fuq kwalunkwe **prijorità tematika Ewropea** jew **politika tal-UE** rilevanti għall-muniċipalità jew ir-reġjun tiegħek. L-avvenimenti kollha jridu jsiru bejn **is-7 u s-16 ta’ Mejju 2026**.

X’inhu l-għan tal-avveniment lokali tiegħek?

L-avveniment għandu jhegġegħ dibattitu dwar l-affarijiet tal-UE u jidentifika mill-inqas **idea konkreta waħda għall-futur tal-Ewropa** abbażi tal-ħtiġijiet u l-prijoritajiet tat-territorju tiegħek. Il-Kunsilliera Lokali tal-UE (membri tan-Network tal-Kunsilliera Lokali tal-UE) huma mistiedna jippreżentaw il-konklużjonijiet ewlenin permezz ta’ rapport qasir online wara l-avveniment. Ninkoraġġixxu wkoll il-promozzjoni tal-avveniment fuq il-media soċjali. L-ideat li jinġabru mill-avvenimenti tiegħek u formati innovattivi oħra se jiġu kkunsidrati mill-Kumitat Konġunt ta’ Tmexxija għall-Kunsilliera Lokali tal-UE.

Liema format?

L-avvenimenti jistgħu jiġu organizzati bi preżenza fiżika jew f’format diġitali.

Il-formati rakkomandati jinkludu:

1. **Djalogu lokali:** format parteċipattiv fejn il-kelliema u l-parteċipanti jinteraġixxu ma’ xulxin f’dibattitu vivaċi u miftuħ. L-għan huwa li jiġi żgurat li jikkontribwixxu għad-dibattitu dwar l-UE. Inhegġgħuk tinvolvi lill-**membri tal-KtR mit-territorju tiegħek**, **liċ-ċentri tal-EUROPE DIRECT**, jew lir-**Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea**.

Udjenza fil-mira: ċittadini, politiċi eletti lokali/reġjonali, studenti tal-iskejjel sekondarji/università, assoċjazzjonijiet, partijiet ikkonċernati.

2. **Sessjoni Ewropea:** sessjoni li ssir fi ħdan il-kunsill muniċipali jew reġjonali tiegħek, potenzjalment segwita minn dikjarazzjoni li tiġbor fil-qosor il-konklużjonijiet ewlenin. Din id-dikjarazzjoni tista' tiġi inkluża fir-rapport finali.

Udjenza fil-mira: membri ta' kunsilli lokali/reġjonali.

3. **Sessjoni ta' ħidma / Sessjoni ta' informazzjoni:** preżentazzjonijiet fil-qosor dwar politiki jew programmi tal-UE – speċjalment dwar [il-perjodu ta' programmazzjoni għal wara l-2027](#) – segwiti minn diskussjoni miftuħa.

Udjenza fil-mira: ċittadini, politiċi eletti lokali/reġjonali, studenti, assoċjazzjonijiet, partijiet ikkonċernati.

4. **Format innovattiv lokali:** kwalunkwe format ġdid u kreattiv li tipproponi. Eżempji minn edizzjonijiet preċedenti huma disponibbli biex iservu ta' ispirazzjoni. Aħna lesti nħallu lok għall-kreattività u l-ħiliet ta' komunikazzjoni tal-kunsilliera. [Hawnhekk](#) tista' ssib l-attivitajiet preċedenti tal-Kunsilliera tal-UE għal Jum l-Ewropa, biex tiegħu xi ideat.

Udjenza fil-mira: ċittadini, politiċi eletti lokali/reġjonali, studenti, assoċjazzjonijiet, partijiet ikkonċernati.

Rekwiżiti ewlenin meta tfassal l-avveniment tiegħek:

- Tul ta' ħin massimu: **90 minuta**
- Numru massimu ta' kelliema: **4** (flessibbli għal formati innovattivi).
- Mill-inqas **50 %** tal-avveniment għandu jkun iddedikat għall-interazzjoni tal-udjenza.
- Il-panel tal-kelliema idealment għandu jkun **ibbilanċjat bejn il-ġeneri** u jirrifletti d-diversità lokali.
- L-organizzaturi jeħtiġilhom jirrispettaw il-**miżuri sanitarji** kollha fis-seħħ f'pajjiżhom/fir-reġjun tagħhom.

Min jista' japplika?

Jistgħu japplikaw biss il-membri tan-**Network tal-Kunsilliera Lokali tal-UE**.

Ninkoraġġixxu s-sħubijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-membri tal-KtR, iċ-ċentri tal-EUROPE DIRECT u diversi assoċjazzjonijiet.

Kif tissottometti l-proposta tiegħek?

Ibgħat il-[formola segwenti](#) bid-dettalji dwar l-inizjattivi tiegħek sal-**15 ta' April 2026 (tmien il-jum)**. Se tintalab tipprovdi:

- deskrizzjoni qasira dwar l-avveniment tiegħek;
- abbozz ta' aġenda;
- l-ismijiet jew il-profil tal-kelliema (inklużi kwalunkwe membru tal-KtR, iċ-ċentri tal-EUROPE DIRECT jew ir-Rappreżentanzi tal-UE involuti).

X'inhuma r-responsabbiltajiet tal-organizzaturi tal-avvenimenti lokali?

- **Responsabbiltà sħiħa għall-kontenut, l-organizzazzjoni, l-aġenda, il-kelliema, il-promozzjoni, u l-pjattaforma/ir-reġistrazzjoni online.** It-tim tal-Kunsilliera Lokali tal-UE mhu responsabbli għall-ebda aspett organizzattiv, loġistiku jew relatat mal-kontenut.
- **Jeħtieġlek tagħżel u timmaniġġja l-għodod diġitali kollha użati għal avvenimenti online/ibridi.**

- **Rapport qasir ta' feedback** ikun irid jiġi sottomess fi żmien ġimgħa wara l-avveniment, u mhux aktar tard mit-**22 ta' Mejju 2026**.

X'jistgħu joffru l-Istituzzjonijiet tal-UE?

- **Promozzjoni tal-avveniment tiegħek** fuq is-sit web tal-Kunsilliera Lokali tal-UE, il-media soċjali, fuq Info Flash u Futurium.
- **Materjali tal-immarrar korporattiv** (viżwali, mudelli).
- **Materjali ta' appoġġ** u, meta titlob dan, gwida biex torganizza l-inizjattiva u informazzjoni ġenerali dwar l-UE.
- **Il-possibbiltà li nkopru l-parteċipazzjoni ta' mhux aktar minn żewġ membri tal-KtR** bħala kelliema, meta titlob dan, biex jiġi żgurat panel ibbilanċjat f'termini ta' ġeneru u rappreżentanza politika. Jekk jogħġbok indika l-ismijiet tal-membri tal-KtR proposti fl-applikazzjoni tiegħek sabiex inkunu nistgħu nsegwu.
- **Il-Kunsilliera Lokali tal-UE jistgħu jitolbu wkoll l-appoġġ ta' kelliema esperti min-network tat-Tim EUROPE DIRECT** attiv f'21 Stat Membru (l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Iżvezja). Jekk teħtieġ dan l-appoġġ, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-[Rappreżantanzi tal-Kummissjoni Ewropea](#).

Is-sejħa għal azzjoni fil-qosor		
Skadenza sottomissjoni proposta tiegħek	għas-tal-	15 ta' April, tmiem il-ġurnata.
Data tal-avveniment lokali tiegħek		7-16 ta' Mejju.
Skadenza sottomissjoni tar-rapport ta' feedback tiegħek	għas-	22 ta' Mejju, tmiem il-ġurnata.
L-għanijiet tal-avveniment		Li tidentifika mill-inqas idea konkreta waħda minn, “Semma' lehnnek dwar l-Ewropa” li tirrifletti l-prijoritajiet tat-territorju tiegħek, u li tirrapporta lura lit-tim tal-Kunsilliera Lokali tal-UE.
Format rakkomandat tal-avvenimenti		1. Djalogu lokali 2. Sessjoni Ewropea fil-kunsill lokali jew reġjonali tiegħek 3. Sessjoni ta' ħidma/sessjoni ta' informazzjoni 4. Format innovattiv lokali
Ma' min għandek taħdem		Inhegġguk tagħmel kuntatt ma': • Membri tal-Kumitat tar-Reġjuni mir-reġjun tiegħek. • Iċ-ċentri tal-Europe Direct fit-territorju tiegħek. • Ir-rappreżantanzi tal-Kummissjoni Ewropea fl-Istat Membru tiegħek. • Iċ-Ċentri Ewropej tad-Dokumentazzjoni fit-territorju tiegħek (jistgħu jospitaw avveniment).

	• Kelliema tat-Tim Europe Direct (permezz tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea fl-Istat Membru tiegħek).
X'noffru	• Viżibbiltà tal-avveniment tiegħek fuq is-sit tal-Kunsilliera Lokali tal-UE, il-media soċjali, fuq info flash, u Futurium • Materjali ta' komunikazzjoni (viżwali, gwida għall-avvenimenti).